MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2010

Numru. 1265/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Nezren Grixti]**

**vs**

**Karlu Sangare**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Karlu Sangare detentur tal-Police Number 09F-015

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fis-26 ta' Novembru 2010, u granet qabel u bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti:
a) Iffalsifika, bidel jew ghamel xi tibdil f'karta ta' identita` Taljana, kif ukoll fuq dokument li jindika residenza Taljana. Jew ghamel uzu jew kien fil-pussess ta' dawn id-dokumenti li hu jaf li kienu ffalsifikati, mibdula jew li sar xi tibdil fuqhom, u dan bi ksur tal-Artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kif ukoll talli fl-istess cirkostanzi ffalsifika jew xjentament ghamlu uzu minn xi dokumenti (hawn fuq imsemmija) jew xi dokument iehor iffalsifikat, u dan bi ksur tal-Artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u

c) Kif ukoll talli fl-istess cirkostanzi taghha jew gieghel jaghti xi prospett falz, dikjarazzjoni falza, jew taghrif ta' fatti foloz lil ufficjal tal-immigrazzjoni. Dan bi ksur tal-Artikolu 32(1c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta.
Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi; u

Rat l-artikoli indikati; u cioe`l-Artikolu 5 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 32(1c) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni u konferma ta' tali ammissjoni mill-imputat Karlu Sangare u wara li nghata z-zmien opportun mill-Qorti sabiex ikun jista' jirregola ruhu, issib lill-istess hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tikkundannah prigunerija ta' sitt (6) xhur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------